**19 ta' April, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Aruthur Tonna Zahra

*versus*

Violetta Cordina

**Inġurja — Paternità Naturali — "Animus Injuriandi".**

*L-addebitu li l-kwerelant qiegħed jaħdem b'isem li ma hux tiegħu huwa nġurjuż.*

*Iżda jekk dan l-addebitu jsir minn mara li tippretendi li l-kwerelant hu binha naturali, u li ġenwinament u sinċerament tħoss li hija ommu, tajjeb jew ħażin, ma għandux jiġi ritenut illi hija kellha l-animu li tinġurja lill-krerelant; għaliex l-intenzjoni tagħha ma kienetx diffamatorja. imma biss li tafferma r-relazzjoni ta' maternità li hi tħoss ruħha konvinta, tajjeb jew ħażin. li għandha għar-rigward tal-kwerelant. u li ġġiegħlu jadotta isimha. Dan, ċertament, apparti l-kwistjoni tal-maternità. li hija ta' indoli prettament ċivili. u li fiha l-Qorti ma tindaħalx. Għaldaqstant il-kwerelata, f'dawn il-kontinġenzi, ma tistgħax tinsab ħatja ta' inġurja; minħabba n-nuqqas tal-"animus injuriandi".*

*Il-fatt talvolta jista' jammonta għal kontravvenzjoni oħra; imma. jekk din il-kontravvenzjoni l-oħra ma tkunx ġiet dedotta. fl-appell ma tistgħax tiġi sostitwita għall-imputazzjoni kif saret. Iċ-ċirkustanzi tal-każ jistgħu wkoll jissuġġerixxu temperament fl-ispejjeż. avvolja l-kwerelata tiġi liberata; partikolarment iċ-ċirkustanza li l-kwerelant għandu d-dritt. "rebus sic stantibus". li ma jkunx molestat.*

Il-Qorti:— Rat il-kwerela miġjuba mill-kwerelanti quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli fit-22 ta' Frar 1958, f'tas-Sliema, il-kwerelata nġurjat lil kwerelanti u wżat "vie di fatto" kontra tiegħu;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-6 ta' Marzu 1958, li biha sabet lill-kwerelata ħajta ta' inġurja gravi u kkundannatha 10s. multa, u lliberatha mill-imputazzjoni li użat "vie di fatto"; l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa;

Rat ir-rikors tal-kwerelata, li bih appellat mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talbet li tiġi revokata fil-parti kundannatorja tagħha, u li tiġi liberata "in toto"; bl-ispejjeż;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Dan il-każ hu ta' ċerta stranezza;

Il-kwerelata — kif deher mill-provi — tippretendi li l-kwerelant, li l-lum għandu tmientax il-sena, hu binha illeġittimu, prokreat meta hi kienet xebba kunjomha Scott. Hi xehdet li ommha kienet ħaditilha t-tarbija meta din kellha tliet ijiem, u kkonsenjatha biex titrabba ma' xi familja oħra. Il-kwerelata kienet għal żmien twil tipprova ssib it-tarbija; imma ma rnexxielhiex. Dan l-aħħar, però, kif qalet hi, ġiet infurmata li dik it-tarbija kienet il-kwerelant, u minn dak iż-żmien hi qegħedha ssegwieh, tirreklamah insistentement bħala binha, u tgħid li kunjomu ma jmissux ikun dak li hu attwalment, imma Scott. Il-kwerelata l-lum miżżewġa, u lill-żewġha kienet qaltlu b'dan l-iżball tagħha ġjovanili. Tfal tagħha minn dan iż-żwieġ ma għandhiex — ċirkustanza li forsi tista' tillumeġġja l-ansjetà li biha hija qegħedha tirreklama bħala binha lill-kwerelant. Fil-proċess hemm fidi battezimali eżibita mill-kwerelata, rikordanti t-twelid fit-23 ta' Mejju 1940 ta' tarbija ta' sess maskili, mgħammda bl-ewwel isem ta' Carmelo, imwielda minn missier injot u minn Violetta Scott. Ġiet anki prodotta mill-kwerelant fidi oħra battezimali li tirreġistra twelid ta' tarbija ta' sess maskili fil-21 ta' Frar 1940, imwielda minn missier injot u minn ċerta Victoria Tonna, u

l-parrini kienu Carmelo u Agnes Zahra. Il-kunjom li jġib il-kwerelant hu Tonna Zahra;

Certament, din il-Qorti mhux sejra tidħol f'din il-kwistjoni tal-maternità tal-kwerelant, li hi ta' indoli prettament ċivili. Iżda, din il-Qorti hi konvinta mill-kumpless tal-provi, u mid-diportament tal-kwerelata fil-pedana tax-xhieda, li l-kwerelata ġenwinament u sinċerament taħseb u tħoss, tajjeb jew ħażin, li l-kwerelant hu binha. Jiżdied li ma hux verosimili li l-kwerelata kienet sejra xxandar, kif qegħedha tagħmel bl-aġir tagħha, l-iżball tagħha meta kienet xebba, kieku ma kienetx travolta b'emozzjoni superjuri għall-istint protettiv li affarijiet simili soltu jinżammu moħbija;

F'dawn il-kontinġenzi, il-Qorti ma tistgħax tara fl-allegazzjoni tal-kwerelata (l-unika li ġiet soddisfaċentement pruvata), li l-kwerelant kien qiegħed jaħdem b'isem mhux tiegħu, addebitu inġurjuż; għaliex l-intenzjoni tagħha ma kienetx diffamatorija, imma biss li tafferma r-relazzjoni ta' maternità li hi tħoss ruħha konvinta, tajjeb jew ħażin, li għandha għar-rigward tal-kwerelant, u ġġiegħlu jadotta isem xbubitha. Tant jidher ukoll mix-xhieda tas-Surġent Bugeja u tal-Kuntistabbli Bonello, valjati fid-dawl taċ-ċirkustanzi fuq imsemmijin. Għalhekk, din il-Qorti, bla ma qegħedha tippronunzja ruħha bl-ebda mod dwar il-maternità tal-kwerelant, la espliċitament u lanqas "per impliciter", hi ta' fehma li ma jikkonkorrix fil-każ l-estrem tal-"animus iniuriandi". Il-fatt jista' talvolta jammonta għal kontravvenzjoni oħra, li ma ġietx dedotta, u li issa, in sedi tal-appell, ma tistgħax tiġi sostitwita għall-imputazzjoni kif inhi;

Hu xieraq temperament fl-ispejjeż, in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ, partikolarment iċ-ċirkustanza li l-kwerelant għandu d-dritt, "rebus sic stantibus", li ma jkunx molestat;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata fil-

parti kundannatorja tagħha, tiddikjara lill-kwerelata mhux ħajta ta' nġurja, u tordna li tiġi liberata;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu mingħajr taxxa; id-dritt tar-Reġistru, però, għak-kariku tal-kwerelata;

Onorarju tad-difensuri . . . . . .